10 ta' Diċembru, 1951

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Carmelo Gauci Bianchi *versus* Emmanuele Sultana**

**Board tal-Kera — Sentenza — Eżekuzzjoni — Żgumbrament — Kompetenza — Appell — "Boards" — Art. 21 (2) tal-Kap. 109, u Art. 779 u 262 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*L-eżekuzzjoni tas-sentenzi għandha tiġi ordnata mill-istess qrati li jkunu ippronunzjawhom; u minn dan il-prinċipju jitnissel il-prinċipju l-ieħor illi dawk l-istess qrati li għandhom is-setgħa jagħtu l-eżekuzzjoni lill-ġudikati tagħhom għandhom ukoll il-poter jordnaw in-non-eżekuzzjoni, jew anki r-revoka, ta' dawk il-ġudikati.*

*Għalduqstant kwalunkwe kwistjoni li tista' tqum dwar l-eżekuzzjoni ta' sentenza għandha tiġi deċiża mill-enti ġudizzjarju li jkun ġie nvestit mill-liġi bil-poter kompetenzjali sabiex jagħti kors eżekutiv għal dik l-istess sentenza.*

*Konsegwentement, kwistjoni li tqum dwar ir-revoka ta' mandat ta' żgumbrament li jkun ġie ottenut b'eżekuzzjoni ta' sentenza mogħ-*

*tija mill-Board tal-Kera hija ta' kompetenza ta' dak il-Board, u mhux tat-tribunali ordinarji.*

*Il-proċedura stabbilita mill-liġi fis-sens illi l-Qorti ta' l-Appell għandha tiġi adita permezz ta' rikors biex tiddeċidi liema Qorti hija kompetenti meta jkun hemm dikjarazzjoni ta' inkompetenza minn waħda mill-Qrati Superjuri "ratione materiae", hija applikabili biss fil-każ ta' kompetenza bejn Qorti ta' Ġurisdizzjoni Superjuri u oħra ta' l-istess ġurisdizzjoni, u mhux bejn waħda minn dawk il-Qrati u wieħed mill-"Boards". Għalhekk, meta Qorti Superjuri tiddikjara ruħha inkompetenti "ratione materiae", għax tirritjeni li huwa kompetenti l-Board tal-Kera, dik il-proċedura mhix applikabili.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla Ċivili, li biha l-attur, wara li qal li b'sentenza mogħtija mill-Board li jirregola l-Kera fl-14 ta' Marzu 1951, fl-ismijiet "Emmanuele Sultana vs. Carmelo Gauci Bianchi", huwa ġie kundannat jiżgombra mill-parti segregata lilu mikrija mill-flat 1, 45 Saint Ursola Street, il-Belt Valletta, fi żmien xahrejn; u li wara s-sentenza mogħtja l-esponent ġie mħolli sal-lum fil-post imsemmi, u l-konvenut irċieva l-kera kollu arretrat, anki l-kera ta' l-istess post bil-quddiem; talab (1) li jiġi dikjarat u deċiż illi l-aġir tal-konvenut fuq imsemmi jikkostitwixxi rinunzja għall-effetti tas-sentenza msemmija; (2) li jiġi dikjarat u deċiż illi għalhekk il-mandat ta' żgumbrament maħruġ kontra l-esponent fuq talba tal-konvenut fis-17 ta' Settembru 1951, mandat nru. 57 tal-Board li jirregola l-Kera, huwa bla effett, u għalhekk għandu jiġi revokat. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-23 ta' Ottubru 1951, li biha ddikjarat li l-kwistjoni involuta f'din il-kawża hija ta' kompetenza tal-Board tal-Kera u mhux ġà ta' dik il-Qorti, li ma ppronunzjat ebda deċiżjoni in meritu għall-kwistjoni bejn il-kontendenti, u ma ordnatx il-ħruġ ta' ebda att eżekutiv, in partikulari ta' l-att eżekutiv li minnu qiegħed jilmenta l-attur, li jgħid u jsostni li għandu jiġi oppost minħabba rinunzja; u ordnat li l-ispejjeż jibqgħu għall-attur; wara li kkunsidrat:

Fuq l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza;

Illi l-kwistjoni kollha sollevata hija ta' indoli legali, b'mod li anki jekk jiġi ammess, għall-grazzja ta' l-argument, li l-attur ipprova r-rinunzja allegata minnu u ndaħħla fl-ewwel talba tiegħu kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni, l-istess trid dejjem tiġi riżoluta in vista ta' l-eċċezzjoni;

Illi skond l-art. 21 (2) tal-Kapitolu 109 ta' l-Edizzjoni Riveduta, l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Board bil-mod stabbilit fil-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 15, tmiss lill-istess Board, li għandu, skond l-ewwel sezzjoni ta' l-artikolu fuq imsemmi, il-poteri kollha mogħtija mill-Liġijiet tal-Kodiċi di Rito Ċivili lil dawn il-Qrati Ċivili;

Illi skond l-art. 262 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 15, l-eżekuzzjoni tas-sentenza għandha tiġi ordnata mill-istess Qrati li jkunu ppronunzjaw is-sentenza; minn liema prinċipju jitnissel normalment u loġikament li dawk l-istess Qrati li, kif inhuma, għandhom is-setgħa li jagħtu eżekuzzjoni għall-ġudikati tagħhom, implicitament għandhom ukoll il-poter jordnaw in-non-eżekuzzjoni ta' attijiet eżekutivi li jemanaw minnhom mill-istess awtorità tagħhom, jew anki, għal bżonn u għal xi raġuni valida skond il-liġi, li jirrevokawhom;

Illi l-art. 262 tal-Kodiċi fuq imsemmi huwa bla dubju applikabili wkoll għall-Board tal-Kera (ara sez. 21 (1) Kap. 109);

Illi huwa prinċipju aċċettat mid-dottrina li kwalunkwe kontroversja li tista' tqum dwar l-eżekuzzjoni ta' sentenza għandha tiġi deċiża mill-enti ġudizzjarju li jkun ġie nvestit mill-liġi bil-poter kompetenzjali sabiex jagħti kors eżekutiv għal dik l-istess sentenza; u dana għar-raġuni li kwalunkwe kwistjoni, anki ta' mertu, li tkun, biex hekk ngħidulha, imlaqqma mill-istess ġudizzju jew proċediment eżekutiv, in kwantu l-istess tkun intiża sabiex toħloq ostakolu għall-prosekuzzjoni tiegħu, u kwindi mħabba dak l-innest, l-istess tidħol fil-kompetenza ta' dak l-istess ġudikant jew tribunal li jkollu biss l-awtorità li jordna l-eżekuzzjoni. Del resto, jingħad ukoll li min għandu s-setgħa jaqta' l-kwistjoni prinċipali u jordna l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tiegħu, għandu wkoll ikollu loġikament il-poter li jara li l-istess deċiżjonijiet ma jkunux imfixkla fl-eżekuzzjoni tagħhom, u konsegwentement għandu jiddirimi kwalunkwe ostakolu li jinħoloq fl-andament

u fil-kors ta' l-attijiet kompetenzjali tiegħu. Fi kliem ieħor, l-ostakolu għall-eżekuzzjoni tas-sentenza huwa inċident ta' l-istess eżekuzzjoni, u kwindi jidħol fil-kompetenza ta' l-enti ġudizzjarju li jkun emanah fuq l-awtorità tiegħu, ċjoè li jkun ħareġ dak l-att eżekutiv; b'mod li jekk l-oppożizzjoni tkun valida, huwa għandu jintratteniha, mentri għall-kuntrarju, jekk tkun bla bażi, għandu jirrafforza l-eżekuzzjoni tal-ġudikat tiegħu;

Illi minn dan li ntqal, kwindi, jiddixxendi li l-attur kien imissu rrikorra, għall-fini li jwaqqaf l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' l-iżgumbrament tas-17 ta' Settembru 1951, maħruġ mill-Board tal-Kera in forza tas-sentenza tiegħu ta' l-14 ta' Marzu 1951, quddiem dak l-istess enti ġudizzjarju maħluq in forza ta' liġi speċjali, sabiex jipprova l-oppożizzjoni tiegħu;

Rat ir-rikors ta' l-attur quddiem din il-Qorti, fejn talab li jiġi dikjarat definitivament liema hija l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża, u li jiġi ordnat li l-atti jiġu rimessi quddiem il-Qorti hekk dikjarata biex tieħu konjizzjoni tal-kawża fuq dawk l-istess atti skond il-liġi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat fuq l-imsemmija eċċezzjoni ta' difett fil-proċedura;

Illi l-proċedura segwita mill-attur hija dik stabbilita mill-art. 779 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, li jiddisponi li l-Qorti ta' l-Appell għandha tiġi adita per mezz ta' rikors biex tiddeċidi liema hija l-Qorti kompetenti meta jkun hemm dikjarazzjoni ta' inkompetenza "ratione materiae" minn waħda mill-Qrati Superjuri; iżda, kif ġie ritenut minn din il-Qorti fil-31 ta' Jannar 1941 in re "Victor Gauci vs. Pietro Gauci" (Kollez. Vol. XXXII—I—25), dik id-dispożizzjoni hija applikabili biss fil-każ ta' kompetenza bejn Qorti u oħra ta' Ġurisdizzjoni Superjuri, u mhux bejn Qorti u wieħed mill-"Boards". Konsegwentement l-imsemmija eċċezzjoni għandha tiġi milqugħa;

Tiddikjara irritu u null il-proċediment li bih ġiet adita din il-Qorti; bl-ispejjeż kontra l-attur.